Minuti tas-37 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar it-Tnejn 16 ta' April, 2012.
Il-laqgha nbdiet hin 4.45pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-36 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tas-36 laqgha ma kinux cirkulati.

**2 U 3. Kwotazzjonijiet u Progett Centru Civiku.**

2.1Il-Kunsill tratta diversi kwotazzjonijiet in konnessjoni mal-progett tac-Centru Civiku.

2.2 Kwotazzjoni ghall-venetian blinds minghand Gozo Verticals & Shades ghall-ammont ta' €488.00. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jigu ordnati.

2.3 Diversi kwotazzjonijiet ghal sufan u putruni u coffee/side tables minghand Newline, the Atrium u Krea. Il-Kunsill qabel li jiehu parir tad-designer dwar liema stil ta' sufan u mwejjed ghandu jintghazel u jmexxi skond l-ghazla tieghu.

2.4 Kwotazzjoni ghall-kcina minghand Newline. Il-Kunsill qabel li jitlob stejjem ohra lil mastrudaxxi lokali.

2.5 Kwotazzjonijiet ghall-podium ghall-conference hall minghand Jacap Ltd u Fantin metal works. Il-Kunsill qabel li dan m'ghandux isir ghalissa. Il-Kunsill qabel ukoll illi ghandha tingab kwotazzjoni ohra ghall-podium tal-injam.

2.6 Kwot. Nru. 11/12 - Tarag ta' l-irham. Il-Kunsill ra iz-zewg kwotazzjonijiet minghand Desana u Julian Sultana & Co. Ltd. Gie spjegat illi apparti li dawn il-kwotazzjonijiet kienu ppublikati fuq il-gazzetta, intalbu wkoll kwotazzjonijiet lil Raymond Bonello u Ellis izda dawn ma ssottomettewx kwotazzjoni. Il-Kunsill qabel ma l-irhas kwotazzjoni

ta' Desana ghal tarag travertine, il-materjal maghzul mill-Perit. Il-Kunsill qabel li jghaddi il-kwotazzjoni lill-Perit ghall-approvazzjoni tieghu u jekk din tilhaq l-ispecifikazzjonijiet it-tarag ghandu jigi ordnat.

2.7 Kwot Nru. 12/12 – Front Desk. Gew trattati l-kwotazzjonijiet minghand Stephen Mercieca u Camenzuli. Precedentement kienet sottomessa kwotazzjoni minghand C. Fino & Sons Ltd. ukoll ghall-istess oggett. Il-Kunsill qabel unanimament mal-kwotazzjoni ta' Camenzuli ghall-prezz ta' €1700.00.

2.8 Kwot Nru. 13/12 – Bieb ta' barra ta' l-injam. Peress li ma kienet sottomessa l-ebda kwotazzjoni il-Kunsill qabel li ghandhom jigu ikkuntattjati xi mastrudaxxi lokali u jintalbu kwotazzjoni.

2.9 Kwot Nru. 14/12 – Motorised garage door. Il-Kunsill tratta l-kwotazzjonijiet sottomessi minghand Borg Aluminium Ltd., UDS Ltd, IJ Solutions u New Styles. Il-Kunsill qabel li jordna bieb abjad minghajr mutur. Il-Kunsill qabel ma' l-irhas kwotazzjoni ta' UDS Ltd. Jekk il-bieb ma jkunx ser ikun lest fil-hin mixtieq, il-Kunsill qabel li dan ghandu jkun ordnat minghand Borg Aluminium.

2.10 Kwot Nru. 15/12 – Conference Hall Chairs – Gew trattati l-kwotazzjonijiet ta' Newline living concept u ITC Ltd. Gie spjegat illi d-designer ippropona illi s-siggijiet fis-sala ikunu homor. Il-Kunsill qabel unanimament mal-kulur u qabel mal-kwotazzjoni ta' Newline living concept ghas-siggijiet ta' €30 il wiehed. Il-kwantita' mehtiega hija ta' 70 siggu. Jekk huma disponibbli f'kulur ahmar dawn ghandhom jigu ordnati. Il-Kunsill qabel li jekk dawn mhux ser ikunu waslu sas-27 ta' April ghandhom jinkrew siggijiet ghall-konerenza li ser issir dakinhar.

2.11 Kwot Nru 16/12 – Conference Head Table - Peress li ma kinux sottomessi kwotazzjonijiet, gie deciz li jintalbu kwotazzjonijiet ghal mejda lesta.

2.12 Follow-up tal-kwotazzjonijiet trattata waqt il-laqgha precedenti:

2.13 Pa System, Projector u Screen – Il-Kunsill ra r-risposta ta' Strand Electronics wara t-talba ghal-informazzjoni mitluba skond kif maqbul fil-laqgha precedenti. Il-Kunsill kien sodisfatt bl-informazzjoni moghtija u ghalhekk qabel unanimament ma din il-kwotazzjoni u li dawn ghandhom jigu ordnati.

2.14 Fire Extinguishers – Gie deciz li ghandha tintghazel l-irhas kwotazzjoni biex dawn jigu stallati peress li dawn huma mitluba mill-insurance.

2.15 Photography & videography – Il-Kunsill qabel unanimament mal-kwotazzjoni ta' Reno Rapa ghar-ritratti peress li dan kien l-irhas wiehed. Dwar vidjografija il-Kunsill qabel li jitlob lil Alvin Scicluna jaghti coverge u jekk dan ma jkunx jista' ghandha tintghazel Graziella Ellul lil tat l-irhas kwotazzjoni ghall-vidjografija.

**4.0 Progett PPP.**

4.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xogholijiet li qed isiru fi Triq il-Knisja bhala parti mill-kuntratt PPP. Gie spjegat illi qabel ma jinghata it-tarmak qed jitrangaw il-partijiet tat-triq imnizzla biex ma jergghux jinzlu. Gie spjegat ukoll li ghadhom qed jinghataw is-servizzi tal-Maltacom u li l-gutters saru. Fadal pendenti minn hdejn ir-residenza Galea sal-Pjazza u t-tqaxxir tan-naha ta' barra. Gie spjegat illi minn hdejn il-palma 'l isfel ghal hdejn ta' menzju it-triq kien ghadha pendenti ghax kien qed isir tentattiv sabiex din il-parti titwessa izda kien hemm zewg sidien li talbu kumpens biex icedu parti mill-ghalqa taghhom ghat-twessigh tat-triq. Gie deciz li t-triq f'din iz-zona ser tibqa' kif inhi u jinbena hajt ta' zewg piedi. Gie spjegat illi fil-parti li twessghet fil-parti ta' barra ta' Triq il-Knisja ghandhom jigu tal-Mepa biex jaghtu l-linja u mbaghad ikun jista' jsir il-pedament u jinbena il-hajt. Gie spjegat illi hdejn il-club tal-futbol min-naha tal-pjazza ser issir rampa fil-bankina biex ikun hemm access ghal kulhadd. Is-Sindku spjega il-kazi li hemm mar-residenti Farrugia u Camilleri fir-rigward tal-linja tat-triq fejn gie spjegat illi l-materja qed tigi iccekkjata mal-MEPA.

**5.0 Progett Gharb's Cultural and Touristic Conservation Project.**

5.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-andament tal-progett Gharb's cultural and touristic conservation project M323. Gie spjegat illi fit-triq ta' San Dimitri inbeda x-xoghol ta' bini tal-hitan tas-sejjieh mill-kuntrattur Nicky Saliba. Gie spjegat illi x-xoghol tar-restawr tas-salib tal-Pjazza mistenni jibda wkoll fi granet u ghandu jiehu madwar tlett ijiem. Ix-xoghol fuq ir-restawr tal-Knisja taz-Zejt jinsab miexi. Fir-rigward tal-kappella ta' San Dimitri gie spjegat illi ghandha ssir zjara minn ufficjali tal-MEPA. Gie spjegat illi l-Perit talab lill-MEPA biex isir sample u jinghata s-sealer lil gebla. Gie spjegat illi din kienet parti mill-offerta izda l-MEPA ma accettatx. Dwar ir-restawr tal-pont fi Triq Sdieri gie spjegat illi x-xoghol jinsab miexi wkoll. Il-Kunsill iddiskuta dwar l-installazzjoni ta' crash barrier fil-parti fejn waqa l-hajt tas-sejjieh. Lisa Brooke staqsiet jekk is-cement hux ser jibqa' jidher. Gie spjegat illi l-apramorta ser tinbidel u ghaldaqstant il-konkos mhux ser jibqa' jidher. Is-Sindku spjega illi ghaddejjin diskussjonijiet mal-Ingineer Enemalta biex il-cable jigi mghoddi mill-arkata. Huwa prevvist li sal-ahhar ta' April 2012 it-triq ghandha tinfetah ghat-traffiku u tkun trid terga' tinghalaq meta jkun ser jitkompla ix-xoghol.

5.2 Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-progett tar-restawr ta' Pjazza Zjara tal-Madonna fejn fil-prezent il-pjazza qed tigi pavimentata. Hawnhekk infethu wkoll il-kwotazzjonijiet M323/12 u M323/13 liema kwotazzjonijiet ghalqu fis-16 ta' April, fl-10.00am. Dawn il-kwotazzjonijiet huma ghall-provvista u installazzjoni tal-apparat mehtieg biex ikun jista' jsir il-*water feature* bhala parti mill-pavimentar tal-Pjazza. Gie spjegat illi d-dokument tal-kwotazzjoni gie ippreparat minn Galea Curmi Ing. Consultants li qed jiehdu hsieb l-aspett tekniku tal-jet kif maqbul fil-laqgha precedenti.

5.3 Kwot. nru. M323/12 – *Foot flush mounted water jet fountain with built in led light controlled fitting including adequate pump.* Giet sottomessa kwotazzjoni wahda minghand Active Systems Ltd. ghall-prezz totali ta' €6866.42.

5.4 Kwot nru. M323/13 - *Provision of filters, sterilization and chlorination units, water reservoir and other fixtures.* Gie sottomessa kwotazzjoni wahda minghand Rapa Showrooms Co. Ltd. ghall-prezz ta' €5,447.04 u €2165.00 ghall-installazzjoni. Is-Sindku spjega illi l-Automatic chlorine unit mhux ser tkun utilizzata u ghaldaqstant m'ghandhiex ghalfejn tinxtara. Ghalhekk il-prezz ta' din il-kwotazzjoni ser ikun ta' €3647.24.

5.5 Il-Kunsill ra illi l-prezz huwa fil-limiti tal-budget disponibbli li huwa ta' €14546.00. Il-Kunsill qabel li dawn il-kwotazzjonijiet ghandhom jigu mghoddija lil Galea Curmi u jekk dawn jigu certifikati li jilhqu l-ispecifikazzjonijiet mitluba ghandhom jigu approvati u jinxtraw.

5.6 Il-Kunsill iddiskuta u qabel dwar il-post fejn ser ikun stallat dan l-apparat u minn fejn ser jiehu is-supply tad-dawl u l-ilma.

5.7 Il-Kunsill iddiskuta dwar ir-restawr tas-shelter tal-Pjazza fejn fil-prezent qed tigi preparata l-offerta biex tkun tista' tinhareg.

5.8 Carmen Vella telqet hin 6.20pm.

**6.0 Aggornament dwar xogholijiet u progetti ohra.**

6.1 Raymond Cassar gibed l-attenzjoni illi l-belveder fi Triq il-Madonna tal-Virtu' kien milqut minn truck. Gie deciz li l-handyman ghandu jkun inkarigat jara xi hsara saret u jaghmel it-tiswija mehtiega.

**7.0 Seher il-Punent.**

7.1 Giet trattata kwotazzjoni minghand Gozo Village Holidays dwar akkomodazzjoni tal-gruppi tal-gemellagg li ser ikunu prezenti fi zmien il-festival. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-kwotazzjoni.

7.2 Il-Kunsill qabel unanimament illi l-loghba tat-tug of war ghandha ssir il-Gimgha u l-Hadd.

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-Gimgha 20 ta' April ser issir laqgha tal-ghaqdiet lokali dwar l-ikla tradizzjonali u stieden lill-membri tal-Kunsill biex jattendu. Gie spjegat illi Mario Saliba giet ikkuntattjat u accetta li jkun inkarigat mill-biljetti u l-koordinament tal-ikla tradizzjonali. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.3 Gie spegat illi kien hemm persuni ohra li urew interess li joperaw stand ta' ikel waqt Seher il-Punent. Il-Kunsill qabel unanimament li jaccetta l-offerti kollha.

7.4 Il-Kunsill iddiskuta postijiet alternattivi fejn isir il-festival jekk dan ma jkunx jista' jsir fil-Pjazza Zjara tal-Madonna.

**8.0 Skeda ta' Pagamenti.**

8.1 Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti. Il-Kunsill approva wkoll il-hlas ta' kontijiet tas-servizz tal-open-skip li jammontaw ghal €10,140.71. Gie approvat ukoll il-hlas tal-ammont ta' €4675.05 tipping fees relatati mas-servizz tal-open-skip.

**9.0 Korrispondenza u materji ohra**

9.1 Dwar is-servizz ta' l-open-skip il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tinhareg offerta gdida peress li l-kuntratt ezistenti skada.

9.2 Il-Kunsill qabel li l-kuntratti imsemmija ghandhom jigu mgedda:-
01-09/10 – tindif u manutenzjoni latrina pubblika fi Triq Ta' Pinu
02-09/10 – tindif u manutenzjoni latrina pubblika fi Triq Trux
00-01/12 – servizz ta' handyman
Dwar il-kuntratti tal-knis tat-toroq u servizz ta' bulky refuse mad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika il-Kunsill qabel li dawn il-kuntratti ghandhom jigu mgedda.

9.3 Dwar il-kuntratt tas-servizz ta' Perit/Contracts Manager, il-Kunsill qabel li jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk dan il-kuntratt ghandux jerga' jigi ppublikat jew inkella jiggedded in vista' tal-fatt li l-Perit ikun ga hadem fuq diversi progetti li jkunu nbdew izda ghadhom mhux kompluti.

9.4 Il-Kunsill qabel li ghandha terga' tigi ppublikata is-sejha ghall-management tac-child care centre.

9.5 Il-Kunsill approva unanimament ix-xiri ta' 300 platt ghal uzu f'attivitajiet kulturali tal-Kunsill u uzu komunitarju.

9.6 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-ftuh ufficjali tac-Centru Civiku. Il-Kunsill qabel illi ghall-ftuh ufficjali ghandhom ikunu mistiedna l-MPs Ghawdxin u l-Prim Ministru ghandu jkun mistieden jinawgura il-progett.

9.7 Il-Kunsill qabel illi l-Ministru Pullicino ghandu jkun mistieden flimkien mal-Ministru ta' Ghawdex Giovanna Debono sabiex jinawguraw il-progett tal-Pjazza meta dan ikun lest. Emanuel Muscat staqsa min qed ipoggi il-pavimentar tal-pjazza. Is-Sindku spjega illi kif kien ga gie maqbul f'laqgha precedenti il-kuntrattur maghzul kien Joseph Portelli Projects wara process tal-offerti u taht is-sorveljanza tal-Perit inkarigat mill-progett. Emanuel Muscat staqsa dwar garanzija ta' wara x-xogholijiet. Is-Sindku spjega illi din tkun skond kif stipulat fil-kuntratt.

9.8 Gie spjegat illi mhux ser ikun possibbli illi l-armi tal-kunjomijiet tal-Kunsilliera isiru fl-arlogg tax-xemx kif kien ippjanat qabel u dan peress illi l-arlogg ser ikun maghmul minn bicciet zghar tal-irham. Il-hsieb huwa illi jinstab post adattat biex issir plakka kommemorattiva. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.9 Saret diskussjoni dwar il-*major patching* li kellu jsir min naha tal-Ministeru ghal Ghawdex fejn gie innutat illi dan mhux kollu sar kif kien miftiehem. Gie diskuss ukoll illi d-devjazzjoni tat-traffiku ghal triq il-Knisja mhux ser tkun accettabbli meta jitkompla il-progett tat-Triq Frangisk Portelli u Triq San Lawrenz sakemm ma jkunx lest ix-xoghol tal-major patching.

9.10 Giet trattata il-korrispondenza segwenti:
Minghand Andrew Vassallo data gdida ghad-dimostrazzjoni ta' tiswija ta' hofor li ser issir gewwa Ghawdex fis-17 ta' April.

9.11 Mill-MEPA: Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp numru PA741/12, PA789/12, PA834/12.

9.12 Il-laqgha giet aggornata ghall-kontinwazzjoni ghat-Tnejn 23 ta' April, 2012 hin 4.30pm sabiex jinghata update u jittiehdu decizjonijiet finali dwar Seher il-Punent.

Il-laqgha spiccat hin 4.30pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv